SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV

Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 09/KA1/11

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 28/02/'11 9**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 28/02/'11 10**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Frar 2011.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Membru Joseph Oliva
Membru Carmel Agius

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Lindsay Grima.

1.04 Assenti: Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Il-Membru Karl Consiglio

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-22 ta' Frar 2011. l-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Skips
4. Gwardjani Lokali
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 08/KA1/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Joseph Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 500 | Email mingħand l-Avukat Dr. Stefano Filletti rigward Philip Attard. |
| P69 | Ittra mingħand Mr. Alexis Briffa rigward talba biex ikun jista' jipparkja f'Paceville. |
| P77 | Email mingħand Renell Co. Ltd rigward tappira f'nofs it-triq fi Triq il-Knisja li għandha bżonn tiġi rranġata. |
| P78 | Ittra mingħand it-Transport Malta rigward Un/Loading Bay fi Triq id-Dragonara u Triq Spinola. |
| P86 | Ittra mingħand it-Transport Malta rigward Timed Communal Un/Loading Bay fi Triq id-Dragonara. |
| 884 | Email mingħand il-Unique Fashion Studios rigward talba għall-informazzjoni sabiex tittella' attivita' Fashion by Night. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**



RA

Rif. Nru. P69

2.02 Saret riferenza għall-ittra mingħand Mr. Alexis Briffa rigward talba biex ikun jista' jipparkja f'Paceville. Ġie deċiż unanimament li s-Sur Briffa jiġi nfurmat li l-Kumitat għandu jingħata l-indirizz tal-ġenituri kif ukoll ċertifikat tat-tabib li juri l-istat tal-ġenituri sabiex il-Kumitat ikun jista jikkunsidra t-talba tiegħu.

Rif. Nru. P78

2.03 Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Transport Malta rigward Un/Loading Bay fi Triq Dragonara u Triq Spinola. Ġie deċiż unanimament li t-Transport Malta tiġi nfurmata li fl-ittra tat-22 ta' Diċembru 2010 il-Kumitat talab li ma jinħarġux aktar permessi għal-Loading/Unloading bays sakemm jitlesta l-istudju li qed jagħmel il-Kumitat Amministrattiv rigward it-traffic management f'Paceville.

Rif. Nru. P86

2.04 Saret referneza għall-ittra mingħand it-Transport Malta rigward Timed Communal Un/Loading Bay fi Triq Dragonara. Ġie deċiż unanimament li ssir 'works order' biex l-Un/Loading Bay tiċċeken bi 12 il-metru skond kif irrakkomandat mit-Transport Malta.

Rif. Nru. 884

2.05 Saret referenza għall-email mingħand il-Unique Fashion Studios rigward talba għall-informazzjoni sabiex tittella' Fashion by Night. Ġie deċiż unanimament li ċ-Chairperson Richard Scicluna kif ukoll il-Membru Carmel Agius jiltaqgħu mas-Sur Adrian Mizzi għal aktar informazzjoni. Jekk jirriżulta li r-rappreżentanti tal-Kumitat ma jsibu l-ebda oġġezzjoni li ssir din l-attivita' għalhekk jinħareġ il-permess mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill skont il-legislatura sussidjarja 441.

**3 Skips**

3.01 Ġie deċiż unanimament li jitneħħew l-iskips kollha f'Paceville, kemm dawk tal-Kunsill kif ukoll dawk tal-ħwienet.

3.02 Fir-rigward il-ħwienet, il-Kumitat Amministrattiv għandu jagħti l-informazzjoni bil-miktub, lis-Segretarju Eżekuttiv, dwar dawk l-istabbilimenti li għandhom skips barra. Dan sabiex l-istabbilimenti jiġu nnotifikati biex fi żmien ħmistax il-ġurnata jitneħħew l-iskips.

3.03 Ir-residenti jiġu nfurmati li ser jitneħħew l-iskips fi żmien ġimgħa.

**Bring in-Sites**

3.04 Ġie deċiż unanimament li jkun hemm bring in-site fi Triq Dragonara fejn hemm il-*parking spaces,* fejn hemm il-ħajt tal-Westin, qabel ma tidħol għall-*parking.* Iċ-Chairperson Richard Scicluna ser jiltaqa' mar-rappreżentant tal-Green MT biex jurihom fejn.

**4 Gwardjani Lokali**

4.01 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Kumitat Konġunt sabiex ġewwa Paceville jkun hemm gwardjan lokali l-ġurnata kollha.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

5.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

5.02 Il-Membru Carmel Agius ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 54 sa 57 għall-approvazzjoni. (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Membru Joseph Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.03 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.05 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-7.20 p.m.

**Richard Scicluna**
**Chairperson**

21/3/11

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**